

2) Ingrid Alice Mayer hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk marbuta mal-proċedura għal miżuri provviżorji.

<sup>(1)</sup> ĠU C 329, 22.9.2014.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Frar 2017 – Holistic Innovation Institute vs REA

(Kawża T-706/14) <sup>(1)</sup>

**[“Riċerka u żvilupp teknoloġiku — Proġetti ffinanzjati mill-Unjoni fil-qasam tar-riċerka — Is-seba program qafas għall-azzjonijiet ta’ riċerka, ta’ żvilupp teknoloġiku u ta’ dimostrarzżjoni (2007-2013) — Proġetti ZONESEC u Inachus — Deċiżjoni li tirrifjuta l-parteċipazzjoni tar-rikorrenti — Rikors għal annullament u għad-danni”]**

(2017/C 104/58)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

#### Partijiet

Rikorrenti: Holistic Innovation Institute, SLU (Pozuelo de Alarcón, Spanja) (rappreżentanti: inizjalment R. Muñiz García, sussegwentement J. Marín López, avukat)

Konvenuta: Aġenzija eżekuttiva għar-riċerka (rappreżentanti: S. Payan Lagrou u V. Canetti, aġenti, assistiti minn J. Rivas, avukat)

#### Suġġett

Minn naħa, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tad-direttur tar-REA tal-24 ta' Lulju 2014 [ARES (2014) 2461172], intiża sabiex ittemm in-negozjati mar-rikorrenti u sabiex tiġi miċħuda l-parteċipazzjoni tagħha fil-proġetti Ewropej Inachus u ZONESEC u, min-naħa l-oħra, bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u intiża għar-riżarċiment ta-danni allegatament subiti mir-rikorrenti minħabba l-esklużjoni tagħha mill-parteċipazzjoni fl-imsemmija proġetti u minħabba l-komunikazzjoni ta' ċerta informazzjoni dwarha wara l-imsemmija deċiżjoni.

#### Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Holistic Innovation Institute, SLU hija kkundannata għall-ispejjeż fil-kuntest ta' din il-proċedura.
- 3) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż proprji tagħha marbuta mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

<sup>(1)</sup> ĠU C 421, 24.11.2014.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Frar 2017 – Novar vs EUIPO

(Kawża T-726/14) <sup>(1)</sup>

**[“Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Prova tal-eżistenza, tal-validità u tal-portata tal-protezzjoni tat-trade mark preċedenti — Reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għall-Unjoni Ewropea — Deċiżjoni li tiċħad l-oppożizzjoni minħabba nuqqas tal-prova tad-dritt preċedenti — Regola 19(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 2868/95 — Reviżjoni tad-deċiżjoni — Artikolu 62(2) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Danni li jikkonsisti fi spejjeż tal-avukat — Rabta kawżali”]**

(2017/C 104/59)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermanja

#### Partijiet

Rikorrenti: Novar GmbH (Albstadt, il-Ġermanja) (rappreżentant: R. Weede, avukat)